**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR.IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 7/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Ahmed El Fadali Enan**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-Att ta'l-Akkuża bin-numru 7 ta'l-2018 imressqa quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali kontra Ahmed El Fadali Enan detentur tal-karta ta'l-identita Maltija bin-numru 18749(A) fejn huwa kien mixli talli:

**Fl-Ewwel Kap**: fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**Fit-Tieni Kap**: madwar ħames xhur qabel it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżolużżjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**Fit-Tielet Kap**: fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fissnin ta'qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

**2**. Rat illi permezz ta' nota ippreżentata mill-Avukat Ġenerali fid-09 ta' Diċembru 2019, it-Tieni u it-Tielet Kapi tal-Att ta'l-Akkuża ġew minnu rtirati.

**3.** Rat s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' April 2022 fejn, wara li rat il-verdett tal-ġurati ta' dak in-nhar stess li bih b' seba' (7) voti favur u tnejn (2) voti kontra sabu lil Ahmed El Fadali Enan ħati tal-Ewwel u l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuża, iddikjarat lill-akkużat Ahmed El Fadali Enan ħati talli fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-

Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**4.** Rat illi l-Qorti Kriminali, wara li rat l-artikoli 2, 7, 8, 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kkundannat lill-ħati Ahmed El Fadali Enan għall-piena ta' ħamsa u għoxrin (25) sena priġunerija, w għall-multa komplessiva ta' erbgħin elf ewro (€40,000) li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita f'terminu ulterjuri ta' priġunerija skond il-liġi. Ikkundannatu ukoll jħallas is-somma ta' tlett elef, erba' mija, disgħa u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€3459.75) import ta' l-ispejjeż tal-perizji ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien sitt xhur u fin-nuqqas tiġi wkoll konvertita f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-ħati.

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell ippreżentat mill-akkużat Ahmed El Fadali Enan fit-12 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti:

i. Tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija billi tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-Kap tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u konsegwentement tilliberah minnha.

ii. Subordinatment, iżda bla preġudizzju għas-suespost tvarjaha billi tagħti piena aktar xierqa tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

**6.** Rat ir-risposta ta'l-appell ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-13 ta' Ġunju 2022 fejn issottometta illi l-aggravji miġjuba 'il quddiem mill-akkużat għandhom jkunu miċħuda, filwaqt li għandu jkun ikkonfermat il-verdett kif mogħti, kif ukoll il-piena kif imposta mill-Qorti Kriminali.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**9.** Illi l-appell intavolat mill-akkużat Ahmed El Fadali Enan huwa msejjes fuq dak dispost fl-artikolu 501(a) tal-Kodiċi Kriminali, meta jikkritika l-verdett tal-ġurija għaliex jikkontendi illi huwa kien misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża. Jilmenta sussidjarajament illi l-piena inflitta kienet waħda eċċessiva u għaldaqstant fin-nuqqas illi l-verdett jiġi varjat, jisħaq illi għandu jkun hemm temperament fil-piena inflitta.

**10**. Għadd kienu l-okkażjonijiet fejn din il-Qorti saħqet b`mod konsistenti mal-ġurisprudenza ta` dawn il-qrati illi meta tkun rinfaċċjata b'aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi toqgħod lura milli tiddisturba l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti għaliex l-Imħallfin tal-fatt kellhom il-vantaġġ fuq din il-Qorti li mhux biss jisimgħu il-provi, iżda li jagħmlu evalwazzjoni ta' l-imġieba u l-komportament tal-persuni li xehdu quddiemhom, liema analiżi kienet essenzjali sabiex jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom.

> **'Hawn naturalment qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, ilgurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-**

**gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat**[1].

**11.** Madankollu, tenut kont tan-natura tal-appell u l-mod kif ġew ippostulati l-aggravji mill-appellant, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tevalwa l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiża, sabiex tistabbilixxi jekk il-ġurati setgħux b'mod raġonevoli u abbażi tal-liġi jaslu għall-verdett tagħhom.

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.[2]**

**12.** Illi huwa indubitat illi l-Prosekuzzjoni serrħet il-każ tagħha b'mod ewlieni fost evidenza oħra, fuq dak mistqarr minn ċertu Gaetano Farrugia dwar l-involviment tal-appellant fl-allegata importazzjoni ta' madwar mitt kilogramma raża tal-pjanta *cannabis*. Farrugia jikkontendi illi kien l-appellant li nkarigah sabiex jerħilha lejn it-Tuneżija biex minn hemmhekk huwa jakkwista għan-nom tiegħu din id-droga u dan versu

---

[1] ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008 Ara, ukoll fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru 1994

korrispettiv. Fil-fatt Gaetano Farrugia jakkwista din id-droga hekk kif jasal ġewwa it-Tuneżija u dan allegatament fuq istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-appellant, iżda wara li rnexxielu jixtri nofs l-ammont miftiehem huwa inqabad mill-pulizija f'lukanda ġewwa Tuneż b'ħamsin kilo raża tal-*cannabis* u ġie arrestat. Farrugia jikkoopera mal-pulizija u jindika lill-appellant bħala l-moħħ wara din il-konġura kriminali.

**13**. L-appellant jikkontendi illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni quddiem il-ġurija ma setgħu qatt iwasslu għal sejbien ta' ħtija għall-unika akkuża lilu addebitata u dan għas-segwenti motivi:

a. Ma hemm ebda prova in atti li tindika li seħħet xi komunikazzjoni bejn Gaetano Farrugia u l-appellant bir-rapport tal-espert tal-informatika Dr. Martin Bajada ma jistabbilixxi ebda kuntatt telefoniku u dan kif jallega Farrugia, bin-numru taċ-ċellulari ndikat minn Farrugia bħala dak mgħoddi lilu minn suspettat ieħor ċertu Alounsi, meta wasal Tuneż biex jikkomunika mal-appellanti, u ċioe' 21620466838 jirċevi telefonata minn numru li huwa jallega li kien tal-appellant u ċioe' 79967138 biss fl-04 ta' Jannar 2010 meta Farrugia wasal Tuneż. U allura huwa inverosimili kif l-appellant seta' jkun jaf x'numru akkwista Farrugia ġewwa Tuneż u jagħmel kuntatt miegħu. L-uniku numru appartenenti lill-appellant u li jemerġi mill-provi huwa 99452265 li, mir-rapport tal-espert, ma jidher li għamel ebda kuntatt ma' Farrugia jew is-suspettati l-oħra, jew li għamel xi telefonata lejn it-Tuneżija. Kif lanqas hemm prova li wara l-arrest tiegħu Ġaetano Farrugia ipprova jikkuntattja lill-appellant permezz ta' dan in-numru.

b. Ix-xiehda ta' Gaetano Farrugia hija inverosimili u inattendibbli. Mhux biss meta igħid illi huwa indaħal f'din il-biċċa tax-xogħol biex ikun f'pożizzjoni iħallas xi dejn li kellu u dan meta rriżulta illi dan id-dejn kien jammonta għal ħafna aktar mill-flus li kien ser jipperċepixxi minn din l-operazzjoni kriminuża, iżda ukoll meta huwa jallega li kellu jiltaqa' ma' persuna ġewwa t-Tuneżija biex jikkonkludi dan in-negozju meta huwa ma kienx jitkellem bil-lingwa Għarbija u l-persuna li magħha kellu jinnegozja ma kienx jaf bl-Ingliż. Għalkemm igħid illi meta iltaqa' ma' dan il-fornitur kienu

ċemplu lill-appellant biex jagħmilha ta' interpretu, madanakollu ma hemm ebda prova ta' dan fil-*call logs* eżebiti.

c. Mhuwiex kredibbli lanqas Farrugia meta jikkontendi illi l-appellant għaddielu s-somma miżera ta' €400 biex bihom jixtri il-biljetti tal-ivjaġġar minn u lejn Malta, bihom igħaddi ġimgħa ġewwa t-Tuneżija u jikri karozza ukoll.

d. Huwa inverosimili ukoll dak li jixhed Adrian Farrugia, ħu Gaetano Farrugia meta dan igħid illi wara l-arrest ta' ħuh hu mar jiltaqa' ma' l-appellant ġewwa il-boċċi club tal-Fgura fuq istruzzjonijiet ta' ħuh. Huwa dubitat x'kien l-iskop sabiex għamel dan ġaladarba l-appellant żgur ma seta' joffri ebda għajnuna wara l-arrest ta' Farrugia. Dan joħroġ mix-xiehda mogħtija minn ċertu Karl Pace waqt l-Istruttorja, li inqrat lil ġurati stante li dan laħaq miet, li fil-fehma tal-appellant igiddeb lil Adrian Farrugia dwar dan l-allegat inkontru. Dan Pace jinnega li jaf lill-appellant, illi laqqgħu hu ma' Adrian Farrugia, u li ra lil dan Farrugia ġewwa il-boċċi club jitkellem mal-appellant jew ma' xi persuna ta' nazzjonalità barranija.

e. Ma hemm ebda prova, kif jikkontendi Adrian Farrugia, illi l-appellant għadda s-somma ta' €2000 tramite l-*Western Union* lil ħuh Gaetano meta dan kien it-Tuneżija.

f. Huwa inverosimili ukoll dak li skont Adrian Farrugia irriżulta waqt il-laqgħa li allegatament seħħet fil-boċċi *club* meta flimkien mal-appellant kien hemm żewġ persuni oħra wieħed Malti u ieħor Għarbi li quddiemu iddiskutew il-*modus operandi* dwar kif kienet tiddaħħal id-droga ġewwa Malta permezz ta' dgħajsa, u dan wara li ħuh Gaetano kien diġà ġie arrestat. Illi fil-fehma tal-appellant huwa ivvinta din l-istorja, wara li ħuh Gaetano informah illi l-awtoritajiet Tuneżini kienu ser jibgħatuh lura Malta jekk huma jassistuhom sabiex jinqabdu dawn it-traffikanti.

g. Ix-xiehda ta' Gaetano Farrugia mimlija kontradizzjonijiet u impreċizzjonijiet, mhux biss fir-rigward tad-drabi li huwa jikkontendi li ltaqa' ma'l-appellant, iżda ukoll fir-rigward tal-*modus operandi* dwar kif kellu isir l-passaġġ tad-droga minn idejh għall-idejn il-kompliċi tiegħu li kellhom jaslu b'dgħajsa viċin il-baħar u jagħmlulu sinjal permezz ta' teptip ta' *torch* u dan fir-rigward ta' negozju ta' droga li allegatament kienet tiswa iktar minn miljun ewro. Huwa impossibbli, fil-fehma tal-appellant, li sar

dan il-ftehim fi żmien meta ma kienx hawn lanqas it-teknoloġija moderna bħal *Google* u *smartphones*.

h. Il-provi huma ukoll mankanti, fil-fehma tal-appellant fir-rigward tal-allegat trasmissjoni ta' flejjes permezz ta' *money orders* bil-*western union* mill-appellant lejn it-Tunezija lil Al Aifa Younsi meta ma hemm ebda prova li torbot lill-appellant ma' din il-konsenja flus. Illi għalkemm fl-atti hemm referenza għal żewġ *postal orders* dawn qatt ma kienu eżebiti in atti.

i. Illi dak li kien allegatament kompliċi mal-appellant u ċioe' ċertu Yahya Zouainia huwa Alġerin li allegatament tkellem mal-appellant fuq dan in-negozju bid-djalett Alġerin meta l-appellant hu bniedem ta' nazzjonalita' Eġizzjana.

**14**. Illi l-Avukat Ġenerali jilqa' għal dan l-aggravju meta jikkontendi illi l-fatti kif esposti mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu ma humiex fattwalment korretti u lejali max-xiehda li nstemgħet waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Illi għalkemm l-appellant jilmenta mill-inverosimiljanza tad-deposizzjonijiet tax-xhieda Gaetano Farrugia, Adrian Farrugia u Karl Pace, dawn l-inkonsistenzi u konfliġġenzi kif minnu ndikati fir-rikors tal-appell kollha kienu miġjuba 'il quddiem mid-difiża waqt iċ-ċelebrazjoni tal-ġuri fl-arringa finali. Wara li l-ġurati kienu ben indirizzati mill-Imħallef dwar il-mod kif kellu jsir l-apprezzament tal-provi skont il-liġi, liema indirizz ma huwiex ikkontestat mill-appellant, ħareġ verdett ta' ħtija. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant fil-fehma tal-Avukat Ġenerali ma jistħoqqlux akkoljiment.

**15.** Illi in suċċint mill-atti kumpilatorji u mix-xiehda mismugħa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri emerġa xenarju fejn l-appellant kien implikat f'assoċjazzjoni marbuta mal-importazzjoni ġewwa Malta tar-raza tal-*cannabis* mill-Afrika. Illi l-pulizija wasslu għal persuna tal-appellant wara li avviċinahom ċertu Adrian Farrugia li stqarr magħhom illi ħuh Gaetano Farrugia kien inqabad ġewwa it-Tuneżija b'ammont ta' 50 kilogramma raża tal-*cannabis* u ġie hemmhekk arrestat. Ħuh Gaetano talbu jiltaqa' mal-appellant għaliex stqarr miegħu li dan kien il-persuna li kien bagħatu it-Tuneżija jixtri d-droga, u li jekk

huwa jassisti lil pulizija Tuneżina sabiex jiksru dan iċ-ċirku ta' traffikar ta' droga, huwa kien ikun rilaxxat u jitħalla jirritorna lejn pajjiżu. Adrian Farrugia għalhekk jiltaqa' mal-appellant ġewwa il-boċċi klabb tal-Fgura, li kien jiffrekwenta l-appellant, u fejn kien iltaqa' miegħu Gaetano Farrugia. Adrian Farrugia jgħid lil pulizija li l-appellant ammetta miegħu li kien jimporta d-droga mill-Afrika ta' Fuq u li kien jinnegozja fir-raża tal-*cannabis* u dan wara li kien jibgħat persuna sabiex jagħżel l-aħjar kampjuni. Id-droga kienet titlaq mill-Marokk, tgħaddi minn ġol-Alġerija u tispiċċa it-Tuneżija fejn hemmhekk kien jibgħat persuna biex jiġborha. Din id-darba huwa kien bagħat lil ħu Adrian, Gaetano Farrugia sabiex jiġbor id-droga w jara li din titwassal Malta. Fuq din l-informazzjoni, l-appellant jiġi arrestat u mill-pussess tiegħu jiġu elevati *notebook*, *sim card*, telefon ċellulari u riċevuti tal-*Western Union* rigward trasferimenti ta' flejjes lil diversi persuni ġewwa l-Italja, l-Eġittu u t-Tuneżija. Interrogat mill-uffiċjal investigattiv wara l-arrest tiegħu, l-appellat jiċħad l-involviment tiegħu f'din il-konġura kriminali w ukoll jiċħad dak kollu li Adrian Farrugia kien stqarr mal-pulizija. Fil-fatt jisħaq illi huwa la jaf lil Adrian Farrugia u lanqas lil ħuh Gaetano. L-appellant jammetti biss illi ġieli kkonsma id-droga. L-appellant għażel li ma jiffirmax l-istqarrija minnu rilaxxata. Illi fl-atti kumpilatorji, imbagħad, hemm eżebiti l-ittri rogatorji kontenenti x-xiehda ta' Gaetano Farrugia, fost oħrajn, u dokumenti oħra rigward il-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra Gaetano Farrugia, ċertu Al Ayfa Younsi u Yousef Boubakr ġewwa it-Tuneżija b'rabta ma' dan il-każ, liema dokumenti nġibu a konjizzjoni tal-ġurati. Meta jixhed Gaetano Farrugia fix-xiehda tiegħu huwa jimplika lill-appellant fil-kummissjoni tar-reat ta' importazzjoni ta' droga ġewwa Malta, filwaqt li ħuh Adrian jikkonferma essenzjalment dak kollu li huwa kien stqarr mal-pulizija u allura id-diskors li kien qallu l-appellant. Flimkien ma' din l-evidenza, imbagħad quddiem il-ġurija jixhdu l-uffiċjali tal-pulizija li kienu nvoluti f'din l-investigazzjoni kif ukoll Dr. Martin Bajada, espert tal-informatika li jagħti rendikont dwar dak li rriżultalu fir-rapport tiegħu dwar komunikazzjonijiet telefoniċi bejn in-numri 99838033 u 21620466838 użati minn Gaetano Farrugia u 79967138 allegatament appartenenti lill-appellant, kif ukoll rigward in-numru taċ-ċellulari tal-appellant 99452265, u dak ta' Adrian Farrugia numru 99511788. Jixhed ukoll

rappreżentant tal-*FEXCO* fir-rigward ta' trasferimenti ta' flejjes tramite il-*Western Union* li allegatament saru mill-appellant. Finalment il-ġurija kellha ukoll l-opportunita' li tisma' l-verżjoni tal-fatti tal-appellant, u dan meta huwa għażel li jirrinunzja għad-dritt tiegħu għas-silenzju u ħa il-pedana tax-xhieda. Abbażi ta' din l-evidenza il-ġurija tilħaq verdett ta' ħtija, b'seba' voti favur u tnejn kontra, għall-unika akkuża addebitata lill-appellant, u ċioe' dik tal-assoċjazzjoni marbuta mal-importazzjoni tad-droga.

**16.** Illi r-reat ta'l-assoċjazzjoni marbut ma' l-importazzjoni, bejgħ u traffikar ta' droga huwa mfassal fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u jkun ħati ta' reat kull min:

> **"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."**

U skont l-artikolu 22(1A):

> **"L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu."**

**17.** Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assoċjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 dejjem ġew ritenuti li huma erbgħa u senjatament :

> **"1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ;**
> **2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f' Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta ,**
> **3. sabiex tigi traffikata d-droga; u**
> **4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata.**
> **It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu.[3]"**

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb – deċiża Qorti Kriminali – 05/01/2004

Stabbilit illi l-att materjali tar-reat huwa il-patt kriminuż, li mhux dejjem jippreżenta ruħu b'mod ċar, il-prova tal-ftehim tista' tirrizulta minn inferenzi li johorgu mill-attivita' kriminali li ssegwih. Iżda mhux biss, għaliex jistgħu jippreżentaw rwieħhom każijiet fejn dak pattwit ma jkunx ġie attwat għal xi raġuni kemm indipendenti mill-volonta' tal-malviventi, kif ukoll għal motivi oħra li jistgħu iwassluhom biex jiddesistu mill-aġir kriminali b'mod volontarju. F' dawn il-każijiet ir-reat ta'l-assoċjazzjoni xorta waħda jissussisti bl-att materjali, kif ingħad, jkun il-ftehim milhuq bejn tnejn jew aktar u xejn aktar[4].

**18**. Issa l-appellant jargumenta illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, dawn l-elementi ma humiex ippruvati, u allura l-fatti kif jemerġu minn din l-evidenza jitfgħu dubbju dwar kemm huwa kien komparteċipi f'dan il-patt kriminuż marbut mal-importazzjoni tar-raża tal-*cannabis* ġewwa Malta. Jikkontendi l-appellant, illi l-provi huma mankanti billi ma hemmx ebda indikazzjoni illi dak li jgħidu Gaetano Farrugia u ħuh Adrian huwa minnu, għaliex ma hemm ebda evidenza li kien hemm xi kuntatt lanqas telefoniku bejnu u bejn l-allegati kompliċi tiegħu, kif lanqas hemm indikazzjoni illi huwa għadda xi flus lil Gaetano Farrugia jew lil xi persuna oħra, bil-verżjoni ta' Adrian Farrugia, fil-fehma tiegħu hija għal kollox inverosimili meta dan ta'l-aħħar igħid illi l-appellant allegatament spjegalu, anke fil-presenza ta' terzi, il-*modus operandi* minnu adottat sabiex jimporta d-droga f'Malta.

**19.** Illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, l-ġurati semgħu mhux biss ix-xiehda *viva voce* tal-appellant u tal-allegat kompliċi mal-appellant fil-kummissjoni tar-reat, iżda kellhom f'idejhom it-traskrizzjoni ta' dawk ix-xhieda li ddeponew matul il-kumpilazzjoni iżda li, għal xi raġuni, ma setgħux jinġiebu biex jixhdu fil-qorti, kif ukoll inqratilhom id-deposizzjoni miġbura fl-ittri rogatorji ikkumpilati mill-awtoritajiet ġudizzjarji Tuneżin ta' terzi persuni li allegatament kienu involuti fil-konġura kriminali mertu ta' dan il-każ.

---

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul - deċiża 17/05/2005 App.Sup u The Republic of Malta vs Steven Jon Louis Marsden – deċiża – 02/11/2009. App.Sup.

Illi b'mod ewlieni lil ġurati kienet moqrija id-deposizzjoni mogħtija minn Al Aifa Ben Salal Ben Belqasem Younsi ta' nazzjonalita' Tuneżina, u ċioe' ta' dik il-persuna li Gaetano Farrugia jindika illi kkonsenjatlu d-droga. Illi l-appellant għalkemm jindika fl-appell tiegħu diversi diskrepanzi u nuqqasijiet li kien hemm fix-xiehda tal-prosekuzzjoni, iżda konvenjentement ma' jsemmiex il-fatti kif dikjarati minn dan ix-xhud li jikkorrobora fl-essenza dak kollu li igħid Gaetano Farrugia, xhud li l-appellant jikkontendi huwa inattendibbli. Illi d-deposizzjoni ta' Al Aifa Younsi tinstab fid-Dokument NL1, li hija traduzzjoni mil-lingwa Għarbija għal dik Maltija mill-espert Nadia Lanzon, li ukoll iddeponiet waqt il-ġuri.

**20.** Illi Al Aifa Younsi ddikjara li hu igħix it-Tuneżija viċin il-konfini mal-Alġerija, kellu problema kbira ta' flus u ċertu Yahya Zouainia kien offra li igħinu billi jinvolvih fit-trasport ta' narkotiċi mill-Alġerija lejn it-Tuneżija għal 100TND għal kull kilo trasportat. Igħid illi billi dan Zouainia kien tah struzzjonijiet sabiex imur jiltaqa' ma xi nies barranin li ma kenux jitkellmu bl-Għarbi, kien indikalu lil persuna tal-appellant Ahmed Anan li kellu jassistih bħala interpretu u li kellu jċempillu minn post barra il-pajjiz. L-ewwel operazzjoni, meta kien ġie indikat lilu li kellu jiltaqa' ma' żewġ barranin ta' nazzjonalita' Maltija ħdejn lukanda bl-isem Le Prince ġewwa in-Nabeul, ma irnexxietx, u sussegwentement kien ingħata istruzzjonijiet biex jiltaqa' ma' Gaetano Farrugia u jgħaddielu 50 kilogramma ħaxixa. Hawnhekk igħid li ukoll għamel kuntatt bit-telefon mal-appellant, għalkemm dan kien persuna li qatt ma kien iltaqa' miegħu, u dan sabiex igħinu jikkomunika ma' Gaetano Farrugia li ma kienx jaf jitkellem bl-Għarbi. Dawn it-telefonati bejnu u bejn l-appellant seħħew bejn Dicembru 2009 u Jannar 2010. In-numru ta' Ahmed El Fadali Enan kien għaddhielu Zouainia bħala 0035679967138. Jikkonferma ukoll li f'żewġ okkazzjonijiet l-appellant bgħatlu xi flus tramite il-*Western Union* somma waħda ta' 835TND u 335TND. Jikkonferma illi l-istruzzjonijiet kienu li jiltaqa' ma' Tano Farrugia viċin il-lukanda bl-isem ta' Le Prince ġewwa Nabeul, post ġewwa it-Tuneżija li jinsab viċin il-kosta, u li kien ġie mgħoddi in-numru 20466838 sabiex jagħmel kuntatt miegħu. Jikkonferma li ltaqa' ma' Farrugia kif indikat lilu u f'vettura misjuqa mill-

imsemmi Farrugia huma saqu lejn id-dar ta' oħtu li tinsab f'belt oħra fejn kienet maħżuna id-droga u li preżenti kien hemm ukoll in-neputi tiegħu ċertu Youssef Boubakr li għenu jikkonsenja 50 kilogramma droga lil Farrugia. Wara li saret din il-konsenja jikkonferma illi l-appellant għaddielu permezz ta' *money transfer* bil-*Western Union,* is-somma ta' 3175TND.

**21**. Illi din il-verżjoni tal-fatti tikkombaċja perfettament mas-sekwenza tal-fatti kif rakkontati minn Gaetano Farrugia. Farrugia jirrakkonta illi huwa kellu ħanut tad-*detergents* u bejn is-sena 2009 u l-2010 kellu problemi finanzjarji serji b'ammont ta' dejn għoli li għalkemm meta jixhed fil-ġuri, tnax-il sena wara li seħħ l-akkadut, igħid li ma jiftakarx eżattament kemm kien dan l-ammont, iżda jikkonferma dak suġġerit lilu li dan kien madwar €12,000. Igħid li ltaqa' ma' l-appellant fil-klabb tal-boċċi ġewwa l-Fgura li hu kien jiffrekwenta ma' sieħbu Karl Pace. L-appellant, li kien a konoxxenza tal-problemi tiegħu, offrielu s-somma ta' €15,000 jekk jassistieh fl-importazzjoni tad-droga minn ġewwa it-Tuneżija. Spjegalu dak li kellu jagħmel u ċioe' illi jitla' lejn it-Tuneżija permezz ta' titjira minn Malta, kellu jirrisjedi f'lukanda Le Prince ġewwa Nabeul fejn hemmhekk kien ser jiltaqa' ma' persuna li tikkonsenjalu 100 kilo droga li huwa kellu jaħbi sakemm tiġi dgħajsa biex titgħabba fuqha u wara li jikkonsenja l-istess huwa jerġa' lura Malta bl-ajru. Farrugia jgħid li telaq minn Malta fil-jum tal-Ħadd, it-03 ta' Jannar 2010, wara li xtara il-biljett mill-ajruport bil-flus li kien għaddielu l-appellant fl-ammont ta' €400. L-għada fil-jum tat-Tnejn kellu jirċievi konsenja ta' 50 kilo ħaxixa, u fil-jum tat-Tlieta kellu jieħu it-tieni konsenja ta' 50 kilo oħra, u l-Erbgħa jinżel lura bl-ajruplan. Wara kellu jniżżilhom lejn ix-xatt mil-lukanda u kif jaslu xi nies bid-dgħajsa it-Tlieta fil-għaxija stess jikkonsenja d-droga u dan wara li tasal din id-dgħajsa li tagħmillu sinjal b'teptipa ta' dawl tat-torċ. Fil-fatt Farrugia igħid illi kif wasal it-Tuneżija, l-għada fl-jum tat-tnejn l-appellant ikkomunika miegħu u talbu jixtri torċ u *scotch tape* biex jippakkja id-droga u qallu ukoll biex jikri karozza. Jiftakar li l-lukanda ġewwa Nabeul kienet viċin ħafna ħdejn il-baħar, liema lukanda kienet ġiet lilu indikata mill-appellant. Kif wasal Tuneż mar b'*taxi* lejn il-lukanda u fuq struzzjonijiet tal-appellant ukoll xtara *sim card* lokali li kellha in-

numru 21620466838. Mis-suq jiftakar li kien xtara it-torċ u l-*iscotch tape*. Illi kien l-appellant li ċempillu u qallu li kien hemm persuna qed tistennieh fir-*reception area* tal-lukanda. Dan ir-raġel riekeb miegħu fil-vettura u marru lejn xi belt oħra u igħid li damu madwar siegħa u nofs sejrin. Kif wasslu fil-post lilu ndikat dan ir-raġel qallu biex ma joħroġx minn ġol-karozza. Igħid li osserva tnejn minn nies jitfgħu żewġ basktijiet fil-bagoll, u wara li għamlu hekk dan ir-raġel reġa' riekeb miegħu u qallu biex isuq u telqu 'l hemm. Issa billi hu ma kienx jifhem u jitkellem bl-Għarbi u dan ir-raġel l-ieħor ma kienx jifhem u jitkellem bl-Ingliż, huma kienu qed jikkomunikaw ma' xulxin bl-għajnuna tal-appellant li kien f'komunikazzjoni magħhom permezz tat-telefon ċellulari. Igħid illi hu kien qed iċempillu fuq in-numru barrani li kien xtara minn numru 79967138. Issa għalkemm fix-xiehda tiegħu waqt il-ġuri ix-xhud ma setax jiftakar dawn in-numri, madanakollu dawn huma l-istess li jagħmel referenza għalihom kemm mal-investigaturi Tuneżin, meta kien arrestat, kif ukoll fix-xiehda tiegħu fil-kumpilazzjoni. Jikkonferma madanakollu illi kien qed jikkomunika bit-telefon ma' Ahmed u Ahmed jgħidlu dak li jrid jagħmel. Telqu lura lejn il-lukanda, dan ir-raġel waqqfu nofs triq u ħallieh, u hu baqa' sejjer għal għonq it-triq waħdu. Fit-triq intilef, ċempel lil *taxi* u segwieh sakemm wasal lura Nabeul. Farrugia jkompli igħid illi huwa ħalla d-droga fil-vettura dak il-ħin u ċempel lill-appellant u avżah li d-droga kienet għandu. Igħid li l-appellant hawn qallu biex ma jċempillux aktar. Fil-jiem tat-Tlieta u l-Erbgħa għalkemm ċempel lil Ahmed kemm il-darba, dan iżda ma weġbux. Għalhekk baqa' fil-kamra tiegħu, iżda peress li kien għaddej iż-żmien ideċċieda itella' id-droga fil-kamra. Dan kien bejn l-Erbgha u l-Hamis. Il-konsenja kienet tqila u għalhekk ma tellgħax id-droga kollha  f'daqqa ukoll biex ma jqanqalx suspett. Igħid li tellagħhom fi tlett *batches* hekk kif kien jinbidel ix-xift tar-*receptionist* biex ma jagħtix fil-għajn. Fil-jum tal-Ħamis irnexxielu jikkomunika mal-appellant u infurmah li jekk ma kienux ser jiġu għad-droga kien ser jitfagħha il-baħar u jinżel lejn Malta. L-appellant jinfurmah li kienu ser jiġu għad-droga 'l għada, iżda fil-jum tal-Ġimgħa wara nofs in-nhar ġew il-pulizija ġol-kamra tiegħu, sabu id-droga u arrestawh. Jiftakar li d-droga kienet tikkonsisti f'blokok tal-ħaxixa ta' bejn 200 u l-250 gramma 'l waħda. Ikompli igħid illi huwa ġie ipproċessat ġewwa it-Tuneżija u spiċċa

weħel 20 sena ħabs, iżda kien intitolat għall-maħfra presidenzjali u skonta biss erbgħa snin minnhom u ntbagħat lura Malta. Billi l-operazzjoni ma kenitx irnexxiet igħid li lill-appellant ma reġax rah u ma għaddielu ebda flus. In kontro-eżami jiċħad illi sieħbu Karl Pace kien involut f'din l-assoċjazzjoni kriminuża u li kien għenu biss meta talbu jibagħtlu xi flus biex ikun jista' jixtri xi bżonnijiet meta kien Tuneż. Dan għaliex igħid li kien min għalih li kien sejjer tlett ijiem u li kien ser jiġi lura sal-Erbgħa u dan għalkemm id-dokument GF[5] eżebit mix-xhud Mohammed Laamuz waqt il-kumplazzjoni jindika illi kien inxtara biljett bir-ritorn. Wara li ġie arrestat jiftakar li kien ikkomunika ma' ħuh Adrian Farrugia u talbu biex imur jiltaqa' ma'l-appellant.

**22.** Adrian Farrugia fil-fatt jikkonferma illi kien fuq struzzjonijiet ta' ħuh Gaetano illi huwa mar jiltaqa' mal-appellant ġewwa il-boċċi klabb tal-Fgura. Kien mar hemmhekk ma' Karl Pace u staqsa għall-appellant. Jiftakar li kien hemm mejda b'erba' minn nies u wieħed minnhom inġibed lura meta semma' ismu u mar fuqu u staqsieh jekk hu kienx Ahmed**.** Qallu li ħuh kellu problema u ried ikellmu, iżda l-appellant ma riedx jagħmel dan. Wara tentattiv ieħor fuq insistenza ta' ħuh, igħid illi l-appellant bagħtu jiltaqa' ma' persuna bl-isem ta' Leli u fil-fatt iltaqa' miegħu ħdejn l-istabbiliment ta'l-*Isparkle Image* ġewwa M'Scala, u fil-presenza ta' dan Leli ċempel lil ħuh li kien dejjem fil-kustodja tal-pulizija. Dan Leli iżda ma setax jgħinhom u huwa reġa' mar lura għand l-appellant u baqa' jinsisti miegħu li kellu jkellem lil ħuh Gaetano. Igħid illi l-appellant irrabja u sabbat il-*mobile* mal-art u kissru. Jiftakar ukoll li qallu biex igħid lil ħuh Gaetano illi jekk inqabad mill-pulizija igħidlu ħalli ma jibqax jibgħat flus iktar. Adrian Farrugia jikkonferma ukoll illi l-appellant kien irrakkontalu l-*modus operandi* li kien iħaddem biex iġib id-droga mit-Tuneżija. B'din l-informazzjoni Adrian Farrugia igħid li hu u ħuh l-ieħor Robert marru għand il-Pulizija ġewwa Malta.

---

[5] Fol.95 tal-kumpilazzjoni

**23**. Illi abbinat ma' dawn il-provi diretti, hemm il-provi indizzjarji u ċirkostanzjali li fil-fehma ta' din il-Qorti jikkorroboraw din il-verżjoni tal-fatti, u mhux dik miġjuba 'il quddiem mill-appellant fix-xiehda tiegħu. Jibda biex jingħad illi għalkemm huwa minnu illi ma hemmx prova fl-atti li tindika illi n-numru MSISDN 79967138 kien jappartjeni lill-appellant u li kien jagħmel użu minnu, madanakollu kemm Al Aifa Younsi, kif ukoll Gaetano Farrugia, jindikaw li kienu jċemplu lill-appellant fuq dan in-numru. Fil-fatt mill-*call logs* eżebiti fir-rapport ta' l-espert Dr. Martin Bajda jirriżulta illi l-ewwel kuntatt li sar bin-numru 21620466838 minn Gaetano Farrugia mal-wasla tiegħu ġewwa Tuneż kien lejn n-numru 79967138. Younsi jikkonferma illi f'dik l-għodwa huwa ukoll kellem lill-appellant permezz ta' dan in-numru ta' ċellulari.

**24.** Illi x-xhud Younsi jikkontendi ukoll illi l-appellant għaddielu tlett pagamenti permezz ta' trasferiment bil-*Western Union*. Dan huwa ikkonfermat fix-xiehda ta' Ronald Cilia *security compliance Officer* mal-kumpanija *FEXCO* kif huwa rifless fid-Dokument RC1[6] eżebit minn dan ix-xhud. Minn dan id-dokument temerġi konferma uffiċjali, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant, illi huwa għadda s-somom ta' 355TND u 835TND lil ċertu Alaijsa, li daqqa jidher il-kumjom bħala Yunes, u wkoll Youns, kif ukoll illi fis-06 ta' Jannar 2010, u allura wara li kienet saret il-konsenja tad-droga lil Gaetano Pace, l-appellant jingħata s-somma ta' €1740 f'dinar tuneżin. Dan jikkombaċja m' dak li jixhed Younsi stess meta jikkonferma li irċieva l-istess somom identiċi minn għand l-appellant.

**25.** Issa għalkemm Karl Pace fix-xiehda tiegħu jaħsel idejh mill-involviment tiegħu f'dan il-patt kriminuż, madanakollu jikkonferma illi huwa jaf lil familja Farrugia sew, kien jaf li Gaetano Farrugia kien sejjer lejn Tuneż u li kellu problemi finanzjarji, kif jiftakar ukoll jara lil Adrian Farrugia ikellem lil raġel ta' nazzjonalità barranija ġewwa il-boċċi klabb tal-Fgura, għalkemm igħid illi huwa ma semax x'diskors kien qed jingħad.

---

[6] Fol.45 u 48 tal-kumpilazzjoni

**26**. Illi finalment, għalkemm, kif ingħad, ma jirriżulta li sar ebda kuntatt bejn in-numru taċ-ċellulari tal-appellant 99452265 u Gaetano Farrugia jew Younsi, madanakollu ma hemmx dubbju illi l-appellant kien qed jagħmel użu minn numru ieħor u ċioe' min-numru 79967138 biex jagħmel kuntatt ma' dawn it-tnejn minn nies ġewwa it-Tuneżija kif jixhdu il-*call logs* eżebiti in atti u annesi mar-rapport tal-espert Bajada[7]. Kif jirriżulta ukoll illi wara l-arrest tiegħu kien hemm kuntatt kontinwu bejn Gaetano Farrugia u ħuh Adrian fuq in-numru 99511788, numru MSISDN li jappartjeni lill-imsemmi Adrian Farrugia.

**27**. Illi b'kuntrast mal-provi b'saħħithom imressqa mill-Prosekuzzjoni, l-uniku prova li jressaq l-appellant hija x-xiehda tiegħu stess fejn essenzjalment jikkonferma dak kollu li huwa jgħid fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija mal-arrest tiegħu. Jinnega li jaf lil Gaetano Farrugia u lil ħuh Adrian u li qatt iltaqa' magħhom jew kellimhom. Kif jinnega ukoll, fix-xiehda tiegħu, li jaf lil persuni Tuneżin involuti f'din ix-xibka kriminali u ċioe' lil Al Aifa Younsi u lil Yahya Al Zouainia. Jinsisti illi huwa qatt ma għamel użu min-numru taċ-ċellulari 79967138 u li n-numru tiegħu dejjem kien 99452265. Iżid igħid li ma iffirmax l-istqarrija għaliex kien hemm diskors importanti li huwa qal lill-Ispettur Theuma u li l-Ispettur ma riedx iniżżel fl-istqarrija. Dan b'referenza għat-trasferimenti tal-flus li għamel lejn it-Tuneżija fi tlett pagamenti permezz tal-*Western Union* mibgħuta lil ċertu Alaijsa Youns jew Yunes li igħid li hija persuna tas-sess femminili ndikata lilu minn ċertu Bedredeen bħala oħtu. Għalkemm fl-istqarriija tiegħu huwa jgħid li lil dan Bedredeen ma kienx jafu, madankollu fix-xiehda tiegħu fil-qorti, imbagħad jistqarr illi dan kien jaħdem fix-xogħol tal-madum u kien jaħdem miegħu u ukoll li joqgħod l-Imsida. Jikkontendi illi dan Bedredeen kien talbu igħamillu pjaċir u jibgħat f'ismu dawn il-flejjes lil oħtu lejn it-Tuneżija. Fuq mistoqsija ta' wieħed mill-ġurati jistqarr illi huwa bagħat dawn il-flejjes fi tlett *Money transfers* f'temp ta' ftit jiem skont l-ħtiġijiet tal-familja tal-imsemmi Bedredeen. F'konfront mal-Assistent Kummissarju Dennis Theuma, l-imsemmi

---

[7] Ara t-tieni dokument MB eżebit in atti

Assistent Kummissarju jiċħad li matul it-teħid tal-istqarrija, l-appellant kien tah xi informazzjoni dwar dan Bedredeen jew inkella li stiednu biex imorru jaraw fejn toqgħod din il-persuna fl-Imsida.

**28.** Illi għalkemm l-appellant jinsisti illi dawn il-flejjes ma kienux jappartjenu lilu u li bgħathom lejn it-Tuneżija fuq talba ta' dan Bedredeen, madankollu lil din il-persuna jibqa' ma iressaqhiex bħala xhud biex tikkonferma dak minnu allegat u dan meta kien hemm provi ċari illi l-flejjes mibgħuta fit-tlett okkażjonijiet kien irċeviehom Al Aifa Younsi minn għandu.

**29.** Illi għalhekk f'dan il-kwadru probatorju l-aggravji imqanqla mill-appellant fir-rigward tal-apprezzament tal-provi ma humiex fondati. Dan għaliex:

a. Hemm prova fl-atti illi kien hemm kuntatt telefoniku bejn Gaetano Farrugia u l-appellant, kif ukoll bejn Al Aifa Younsi u l-appellant, biż-żewġ xhieda jikkorroboraw il-verżjoni ta' xulxin illi kienu qed jagħmlu kuntatt mal-appellant fuq in-numru 79967138. Illi mill-*call logs* eżebiti in atti fir-rapport ta' Dr. Martin Bajada hemm prova ukoll illi kien hemm kuntatt bejn in-numru MSISDN 79967138 u n-numru barrani akkwistat minn Gaetano Farrugia 21620466838 u dan proprju fil-jiem meta dan Farrugia kien qiegħed it-Tuneżija.
b. Illi il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Gaetano Farrugia kemm mal-arrest tiegħu permezz tal-ittri rogatorji, kif ukoll meta jixhed fl-Istruttorja, u imbagħad meta fl-aħħar jerġa' jiddeponi fil-ġuri tnax-il sena wara, hija fl-essenza tagħha waħda konsistenti ħlief għal xi dettalji żgħar u ta' ftit importanza. Ma hemmx dubbju li Gaetano Farrugia erħilha lejn it-Tuneżija fuq istruzzjonijiet tal-appellant u mexa skont dak lilu indikat u allura irrisjeda fil-lukanda lilu indikata mill-appellant, kera vettura kif qallu biex jagħmel l-appellant, xtara linja telefoniku, *scotch tape* u torċ kif kien indikat lilu li jagħmel, u ltaqa' ma' Younis li issuplixxa d-droga kif kien dirett jagħmel mill-appellant u minn ħadd iżjed.

c. Illi l-verżjoni tal-fatti ta' Gaetano Farrugia hija korroborata mix-xiehda ta' Al Aifa Younsi liema verżjoni tinsab fl-ittri rogatorji fejn ix-xhud wieġeb għal mistoqsijiet kemm tal-Prosekuzjoni kif ukoll tad-difiża.

d. Illi l-*modus operandi* deskritt mill-appellant lil Adrian Farrugia tikkombaċja ma'l-istess verżjoni li jagħti Younsi meta jispjega illi l-appellant kien jibgħat persuna biex jittestja xi kampjuni tad-droga qabel jakkwistaha, imbagħad kien jibgħat persuni barranin biex jiġbruhielu u mbagħad din titwassal Malta bil-baħar.

e. Younsi ukoll jikkonferma dak li jgħid Gaetano Farrugia illi l-mod kif il-fornitur kien jikkomunika mad-*drug mule* kien dejjem tramite l-appellant permezz tat-telefon u dan billi dawn ma kenux jitkellmu l-istess lingwa. Younsi fil-fatt jixhed illi dan kien il-metodu adoperat ukoll meta qabel ma tela' Gaetano Farrugia għad-droga, kienu telgħu żewġ Maltin oħra, iżda hawn l-operazzjoni ma irnexxietx.

f. Illi mhuwiex minnu illi Gaetano Farrugia kellu biss l-€400 fuqu sabiex jonfoq tul il-permanenza tiegħu ġewwa it-Tuneżija u dan meta Farrugia stess igħid li kellu xi flus oħra fuqu u kien talab lil Karl Pce ukoll jibgħatlu xi flus.

g. Kuntrarjament għal dak li jgħid l-appellant, Karl Pace fix-xiehda tiegħu jikkonferma li jaf lil familja Farrugia u li kien jaf li Gaetano Farrugia kellu problemi finanzjarji u li kien telgħa fuq xogħol ġewwa it-Tuneżija, għalkemm jiċħad li jaf li din kienet marbuta ma' droga. Kif jikkonferma ukoll li osserva lil Adrian Farrugia jitkellem ma' barrani ġewwa il-boċċi klabb tal-Fgura għalkemm x'diskors ingħad huwa ma jafx.

h. Illi għalkemm l-appellant ipoġġi f'dubbju dak mistqarr minn Adrian Farrugia meta igħid illi huwa inverosimili illi dan avviċinah biex igħinu wara l-arrest ta' ħuh meta huwa allura potenzjalment ma seta' joffri ebda għajnuna, madankollu jirriżulta illi Gaetano Farrugia kien qed jassisti lil pulizija Tuneżina sabiex jinqabad l-appellant, u dan kien l-iskop wara l-insistenza minn Adrian Farrugia sabiex l-appellant ikellem lil ħuh fuq it-telefon, ħaġa li l-appellant baqa' jirrifjuta li jagħmel x'aktarx għaliex ma riedx jitfa' l-ġebla fuq saqajh meta kien jaf li Farrugia kien f'dak il-punt f'idejn il-pulizija Tuneżina.

i. Finalment id-dokument RC1 jikkonferma dak li jikkontendi Al Aifa Younsi illi l-appellant kien bagħtlu tlett pagamenti permezz tal-*Western Union* għalkemm l-appellant jipprova jitfa' dubbju dwar dan meta jikkontendi illi Alaijsa Yunes jew Younis hija persuna tas-sess femminili, oħt ċertu Bedredeen u mhux l-kompliċi tiegħu Younsi. Din il-prova ma jirnexxielux jegħlibha u dan sal-grad minnu mistenni fil-liġi.

**30.** Illi għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti hija moralment konvinta, bħal ġurija qabilha, mill-ħtija tal-appellant, biex b'hekk huwa indubitat illi il-verdett milħuq kien wieħed legalment u raġjonevolment validu u li jagħmel ġustizzja u għalhekk bil-fatti kif miġjuba għall-ġudizzju tal-ġurati, dawn setgħu jaslu għall-konklużjoni li waslu għaliha kemm fuq bażi legali kif ukoll fattwali. Għalhekk l-aggravju tal-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

**31.** Illi jifdal l-aħħar aggravju sottopost għal ġudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Qorti Kriminali li, fil-fehma tal-appellant, hija eċċessiva. Jibbaża' l-aggravju tiegħu fuq is-segwenti premessi:

1. Id-droga fiżikament qatt ma waslet Malta.
2. Illi fuq il-persuna ta' Gaetano Farrugia nstabu 50 kilogramma droga u mhux il-100 kilogramma li allegatament kellha tiġi mportata.
3. Illi illum l-użu tal-*cannabis* għal skopijiet ta' rikreazzjoni u pussess inbidel radikalment bil-leġislatur jippermetti it-tkabbir tal-pjanta *cannabis* u l-konsum tagħha taħt ċertu kondizzjonijiet.
4. Illi l-każ ilu għaddej 'il fuq minn tnax-il sena u għalhekk it-trapass taż-żmien għandu jkun konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.
5. Illi l-piena ma tirrispekkjax il-fatt illi l-verdett ma kienx wieħed unanimu, iżda ta' seba' voti favur u tnejn kontra dikjarazzjoni ta' ħtija.

**32.** Illi l-Qorti Kriminal għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li wassluha tikkundanna lill-appellant għal piena karċerarja ta' ħamsa u għoxrin sena, u multa ta' €40,000:

> **Din il-Qorti rat is-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Bedredeen FM Alghangha fejn kien gie ritenut is-segwenti:**
>
> > ***'Il-Qorti terga' ttenni li dawn ir-reati ta' importazzjoni ta' droga mill-erbat irjihat tad-dinja ghal go din il-gzira zghira ma jistghux ma jitqisux b'mod gravi mill-Qrati billi qed jimminaw il-fibra morali tas-socjeta' Maltija w partikolarment taz-zghazagh Maltin u Ghawdxin li huma l-aktar vulnerabbli ghal dan l-attakk koncertat minn nies li jpoggu l-arrikkiment personali taghhom 'il fuq mill-hajja w mis-sahha ta' tant vittmi tan-negozju nefast taghhom.***
> > ***Ghalhekk il-Qrati jridu jaghtu messagg car li dawn it-tip ta' reati jridu jsibu l-id iebsa tal-ligi li tistronkhom bl-aktar mod impenjattiv.'***
>
> **Din il-Qorti taghmilha cara li taqbel perfettament u bla rizervi ma' dak li ntqal fis-sentenza sucitata. Pero, minkejja li taqbel ma dak mistqarr mill-Avukat difensur illi din il-Qorti ghandha tikkonsidra d-dewmien ta' tnax-il sena minn meta l-akkuzat gie mressaq bl-akkuza odjerna, pero' fl-istess hin ma tistax ma taghtix kaz il-fedina penali tieghu li diga kellha reati ohrajn registrati fuqha. In oltre, ma tistax ma taghtix piz kbir ghall-fatt li f'din il-kawza qed nitkellmu fuq assocjazzjoni dwar importazzjoni ta' mitt kilogramma Cannabis. Li kieku ma kienx hemm l-intervent tal-pulizija Tunezina, li lahqu ssekwestraw il-hamsin (50) kilo Cannabis, setgha kien il-kaz li kien ikollna fi xtutna mitt kilogramma Cannabis li bla dubbju ta' xejn kienet tispicca fis-suq lokali ghad-detriment taz-zghazagh taghna. In vista tal-ammont konsiderevoli ta' droga nvoluta f'dan il-kaz, il-Qorti tqis li ghandha tuza l-id kiefra taghha meta tigi biex tapplika l-piena idoneja."**

**33**. Issa għalkemm huwa minnu illi, fortunatament, d-droga fiżikament qatt ma wasslet ġewwa xtutna, dak li donnu qed jinsa l-appellant huwa il-fatt illi hu ma kienx mixli bir-reat tal-importazzjoni jew traffikar ta' droga, iżda unikament bir-reat tal-assoċjazzjoni, bl-att materjali tar-reat ikun il-patt kriminuż li jista' jew ma jistax jagħti il-frott kif miftiehem. Illi l-Qorti għalhekk, bħal kif ġustament tistqarr il-Qorti Kriminali, ma tistax tinjora l-fatt illi din l-assoċjazzjoni kriminali kienet tirrigwarda l-importazzjoni

ta' xejn inqas minn 100 kilogramma raża tal-*cannabis*, bil-ħsara potenzjali li tista' sseħħ għandha tkun waħda mill-fatturi determinanti fil-kalibrazzjoni tal-piena. Kif lanqas tista' din il-Qorti, f'dan ix-xenarju, tqies kwalunkwe tibdil leġislattiv li sar in konnessjoni mal-pussess ta' din id-droga għall-użu personali, bl-ammont ta' 100 kilogramma droga importata illegalment f'pajjiżna ma jaqa' taħt ebda waħda mill-eċċezzjonijiet introdotti fil-liġi tagħna mill-leġislatur li twassal għad-depenalizżazzjoni tar-reat, u allura dan it-tibdil leġislattiv ma jsib ebda applikazzjoni għar-reat li dwaru l-appellant kien misjub ħati.

**34.** Illi finalment, kemm il-fatt tat-trapass taż-żmien kif ukoll il-verdett milħuq mill-ġurati kienu meħuda in konsiderazzjoni mill-Qorti Kriminali fil-kalibrazzjoni tal-piena. Illi din il-Qorti iżżid tgħid biss illi r-reat li dwaru l-appellant kien misjub ħati iġorr miegħu il-piena ta'l-inkarċerazzjoni għall-għomor u dan fit-termini ta'l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-*proviso* imbagħad jiddisponi illi:

**Iżda:**

**(aa) meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantità tal-mediċina u x-xorta u l-kwantità tat-tagħmir jew materjali, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa; jew**

**(bb) meta l-verdett tal-ġuri ma jkunx unanimu, f'każijiet bħal dawn il-qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67).**

**35.** Illi huwa indubitat illi l-Qorti Kriminali qieset dak kollu dispost fil-liġi u kien għalhekk li waslet biex tikkundanna lill-appellant għal piena karċerarja ta' 25 sena u għal

multa ta' €40,000, piena li taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi, u kif ingħad, ma hijiex piena għall-għomor. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-akkużat Ahmed El Fadali Enan, u tikkonferma l-verdett u is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**